MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 112/2010

**Joseph Buttigieg**

**Vs**

**Consolata sive Consiglia xebba u Teresa xebba ahwa Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat illi l-atturi ppremettew :

1. Illi fl-erbgha (4) ta' Lulju 1968 miet f'Victoria, Ghawdex Michael Buttigieg, ir-ragel ta' Mary nee' Strazziera (Dok A), u halla jissoppravvivuh lill-imsemmija martu u lill-kontendenti li huma wlied naturali tal-istess Michael Buttigieg u Mary nee' Strazziera.

2. Illi fl-20 ta' April 1987 mietet f'Victoria, Ghawdex Maria Buttigieg nee' Strazziera armla tal-imsemmi Michael

Buttigieg u halliet jissoppravivuha lill-kontendenti wliedha (Dok B).

3. Illi l-imsemmija Michael u Maria konjugi Buttigieg mietu ntestati u ghalhekk il-wirt taghhom ghadda *‘ab intestato’* a favur tal-kontendenti.

4. Illi l-esponenti ma jridx jibqa’ aktar f’komunjoni tal-assi ereditarja flimkien mal-konvenuti u ghalkemm huwa debitament interpella lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarju fuq imsemmi, dawn baqghu nadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Michael u Maria Buttigieg billi tiddikjara li jikkonsisti b’dawn il-beni mobbli u mmobbli li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza u tassenjah nofs lill-wirt partikolari tal-mejjet Michael Buttigieg u nofs lill-assi partikolari tal-mejta Maria Buttigieg.

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Michael Buttigieg billi tiddikjara li jikkonsisti f’nofs il-koakkwisti fuq imsemmi u f’dawk il-mobbli u l-immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza.

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Maria Buttigieg nee’ Strazziera billi tiddikjara li f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmi u f’dawk il-mobbli u l-immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza.

4. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta’ Michael Buttigieg fi tliet (3) porzjonijiet ugwali u li jigu assenjati porzjon wahda lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta’ Maria Buttigieg nee’ Strazziera fi tliet (3) porzjonijiet ugwali u li jigu assenjati porzjon wahda lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

6. Tinnomina Nutar pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att pubbliku ta’ divizjoni fil-gurnata hin u lok li jigu stabbiliti u tinnomina wkoll kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att pubbliku imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta’ Novembru 2010 kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Rat li fir-risposta guramentata l-konvenuti eccepew li:

(1) Illi preliminarjament il-preskrizzjoni estintiva ta’ tletin sena ghar-rigward il-wirt tal-missier, Michael Buttigieg a tenur ta’ l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

(2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess huma ma jopponux ghad-divizjoni tal-wirt ta’ ommhom Maria Buttigieg purche’ li fl-ewwel lok jigu kkwantifikati u li l-konvenuti jigu kkumpensati u mhallsa lura tad-diversi benefikati u meljoramenti li huma ghamlu fil-beni in komun bl-approvazzjoni tal-istess huhom Joseph Buttigieg.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat li fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2011 gie nominat il-Perit Shawn Micallef sabiex wara li jara l-proprjeta’ tal-kawza jaghmel stima u jirrelata dwar jekk il-proprjeta’ hijiex kommodament divizibbli. Fl-affermattiv ghandu jhejji pjan ta’ divizjoni li bih kull parti tircievi terz minn dak li hemm ghall-qasma.

Rat li l-Perit Tekniku pprezenta r-rapport fid-9 ta’ Gunju 2011 li gie debitament mahluf fl-4 ta’ Ottubru 2011.

Rat li it-tieni rapport prezentat mill-Perit Tekniku u debitament mahluf fid-9 ta’ April 2012 li jirrigwarda biss il-pjan ta’ divizjoni tar-raba’ li jmiss mad-dar bin-numru hamsa, Nadur Road, Qala.

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha talbu l-hatra ta’ periti addizzjonali.

Rat in-nota ta' l-atturi li permezz taghha wkoll talab in-nomina ta' periti addizzjonali.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet li permezz taghha l-partijiet iddikjaraw it-termini tal-ftehim li ntlahaq bejniethom u li abbazi tieghu ghandha tinghata sentenza; u li permezz taghha l-intimati rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom u b'referenza ghat-tieni eccezzjoni rtiraw it-talba taghhom ghal kumpens ghal miljoramenti u l-benefikati minnhom maghmula u dan in vista tal-fatt li l-proprjeta' li fiha saru dawn il-meljoramenti ser tigi assenjata lilhom a tenur ta' dan il-ftehim. Oltre' dan il-partijiet irtiraw it-talba taghhom ghal nomina ta' periti perizjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sintezi l-partijiet f'din il-kawza huma lkoll ulied il-mejtin Michael u Maria Buttigieg. Il-genituri tal-kontendenti mietu ntestati u ghalhekk il-wirt taghhom ghadda *ab intestato* a favur tal-kontendenti.

**<u>1. Proprjetajiet in divizjoni</u>**

Illi hekk kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Tekniku, il-partijiet qablu li l-proprjetajiet in divizjoni huma s-segwenti:

1) Dar numru 5, Nadur Road, Qala u r-raba' tal-madwar, u cioe'[1]

a) Raba' tal-Gebla l-Wieqfa, sive ta' Strickland, sive ta' mal-forn.
b) Raba' li huwa mandra li tissejjah 'tal-Patrijiet' sive 'tas-Salib'.

[1] Dok SM3, DOK SM4, DOK SM17, DOK SM18 u DOK SM19)

2) Raba’ ‘tal-Birka’ limiti tal-Qala[2].
3) Zewg Bicciet raba’ ‘tan-Nemes’ limiti tal-Qala[3].
4) Bicca raba’ ‘ta’ fejn tal-Baqra’ limiti tal-Qala[4].
5) Raba’ ‘tal-Knisja’ limiti tal-Qala[5].
6) Raba’ ‘tal-Wajzar’ limiti tal-Qala[6].
7) Raba’ ‘Tal-Gnien’ limiti tal-Qala[7]
8) Raba’ ‘ta’ Simar’ limiti tal-Qala[8].

Mir-rapporti tal-Perit Tekniku rrizulta li dawn il-proprjetajiet huma kommodament divizibbli u ghalhekk huwa hejja pjan ta’ divizjoni li qieghed jigi addottat minn din il-Qorti.

## 2. Assenjazzjoni

Illi min-nota konguntiva prezentata fl-20 ta’ Novembru 2012 jirrizulta li l-partijiet ftehmu kif se jsegwi:

i. L-attur Joseph Buttigieg jiehu r-raba’ immarkat bl-ittra A li ghandha kejl ta’ cirka tmien mija u disgha u hamsin metru kwadru (859 sq mt) u dana rapprezentanti parti mir-raba’ li jinsab fi Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex skont pjanta annessa mat-tieni rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanta hija mmarkata bhala Dok SM03 mal-istess rapport[9].

ii. Illi l-konvenuti Consolata sive Consiglia Buttigieg u Theresa Buttigieg jiehdu r-raba’ immarkat bl-ittra B, D u E, kif ukoll id-dar immarkata bl-ittra C, tal-kejl kumplessiv ta’ circa elf tliet mija u sitta u tletin metru kwadru (1336 sq mt) li jinsabu gewwa Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, skont pjanta annessa mat-tieni rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanta hija mmarkata bhala Dok SM03 mal-istess rapport[10].

---

[2] DOK SM5 u DOK SM6
[3] DOK SM7 u DOK SM8
[4] DOK SM9 u DOK SM10
[5] DOK SM11 u DOK SM12
[6] DOK SM11 u DOK SM12
[7] DOK SM 13 u DOK SM14
[8] DOK SM15 u DOKSM16
[9] A fol 69 tal-process
[10] A fol 69 tal-process

iii. Illi a rigward il-bqija tar-raba' u cioe' dawk immarkati bhala Dok SM5, Dok SM6, Dok SM7, Dok SM8, Dok SM9, Dok SM10, Dok SM11, Dok SM12, Dok SM13, Dok SM14, Dok SM15, Dok SM16 u dana skont l-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, il-partijiet jaqblu li dina r-raba; ghandha tigi diviza fil-mod kif elenkat fit-tabella li qeghda a fol 8 tar-rapport.

Illi l-partijiet talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi tal-ftehim surriferit.

Ghaldaqstant **Joseph Buttigieg** qieghed jigi assenjat is-segwenti proprjetajiet:

(i) ir-raba' immarkat bl-ittra A li ghandha kejl ta' cirka tmien mija u disgha u hamsin metru kwadru (859 sq mt) u dana rapprezentanti parti mir-raba' li jinsab fi Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex skont pjanta annessa mat-tieni rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanta hija mmarkata bhala Dok SM03 mal-istess rapport[11].

(ii) Ir-raba' 'Tal-Birka', limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru u ittra 2B li ghandha kejl ta' mija u tlieta u sittin metri kwadri (163m²) u dana rapprezentanti parti mill-istess raba' skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM5 u Dok SM6 mal-istess rapport[12].

(iii) Ir-raba' 'Ta' Nemes', limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru u ittra 3B li ghandha kejl ta' sitt mija u tnejn u sittin metri kwadri (662m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liemi pjanti huma mmarkati bhala Dok SM7 u Dok SM8 mal-istess rapport[13].

(iv) Ir-raba' 'Tal-Knisja', limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru 5 li ghandha kejl ta'

[11] A fol 69 tal-process
[12] A fol 34 u 35 tal-process
[13] A fol 36 u 37 tal-process

mitejn u tletin metri kwadri (230m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM11 u Dok SM12 mal-istess rapport[14]

Illi l-konvenuti **Consolata sive Consiglia Buttigieg u Theresa Buttigieg** qeghdin jigu assenjati s-segwenti proprjetajiet:

(i) ir-raba' immarkat bl-ittra B, D u E, kif ukoll id-dar immarkata bl-ittra C, tal-kejl kumplessiv ta' cirka elf tliet mija u sitta u tletin metru kwadru (1336 sq mt) li jinsabu gewwa Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, skont pjanta annessa mat-tieni rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanta hija mmarkata bhala Dok SM03 mal-istess rapport[15].

(ii) Ir-raba' 'tal-Birka', limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru u ittra 2A li ghandha kejl ta' mitejn u tlieta u ghoxrin metri kwadri (223m²) u dana rapprezentanti parti mill-istess raba' skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM5 u Dok SM6 mal-istess rapport[16]. Din ir-raba' qeghdha tigi assenjata lil **Theresa Buttigieg.**

(iii) Ir-raba' 'Ta' Nemes', limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru u ittra 3A li ghandha kejl ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin metri kwadri (628m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liemi pjanti huma mmarkati bhala Dok SM7 u Dok SM8 mal-istess rapport[17]. Din ir-raba' qeghdha tigi assenjata lil **Consiglia Buttigieg**.

(iv) Ir-raba' 'Ta' fejn tal-Baqra', limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru 4 li ghandha kejl ta' tliet mija u disghin metri kwadri (390m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn

[14] A fol 40 u 41 tal-process
[15] A fol 69 tal-process
[16] A fol 34 u 35 tal-process
[17] A fol 36 u 37 tal-process

Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM9 u Dok SM10 mal-istess rapport[18]. Din ir-raba' qeghdha tigi assenjata lil **Theresa Buttigieg.**

(v) Ir-raba' immarkata bin-numru 6 li ghandha kejl ta' mija u tnax-il metri kwadri (112m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM11 u Dok SM12[19]. Din ir-raba' qeghdha tigi assenjata lil **Consiglia Buttigieg.**

(vi) Ir-raba' 'Tal-Gnien' limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru 7 li ghandha kejl ta' mitejn u hamsa u ghoxrin metri kwadri (225m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM13 u Dok SM14[20]. Din ir-raba' qeghdha tigi assenjata lil **Theresa Buttigieg.**

(vii) Ir-raba' 'Ta' Simar' limiti tal-Qala, Ghawdex immarkata bin-numru 8 li ghandha kejl ta' mitejn u sitta u hamsin metri kwadri (256m²) skont pjanti annessi mal-ewwel rapport rilaxxjat mill-Perit Tekniku Shawn Micallef, liema pjanti huma mmarkati bhala Dok SM15 u Dok SM16[21]. Din ir-raba' qeghdha tigi assenjata lil **Consiglia Buttigieg.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tillikwida l-gid ta' Michael u martu Maria Buttigieg bhala li jikkonsisti fil-proprjetajiet li gew elenkati hawn fuq taht l-intestatura 'Proprjetajiet in Divizjoni'.

2. Tiddikjara li l-beni ta' Michael u Maria Buttigieg huma nofs kull wiehed tal-proprjeta' fuq imsemmija.

---

[18] A fol 38 u 39 tal-process
[19] A fol 40 u 41 tal-process
[20] A fol. 42 u 43 tal-process
[21] A fol. 43 u 44 tal-process

3. Tiddikjara li l-beni fuq imsemmija markati numru (1) sa (8) huma kollha kommodament divizibbli bejn il-kontendenti u ghalhekk tordna li jinqasmu bejniethom[22] bil-mod kif fuq spjegat fil-parti tal-motivazzjoni ta' din is-sentenza taht is-sub-titolu 'Assenjazzjoni' (li ghandha titqies bhala parti integrali mid-dispozittiv ta' din is-sentenza).

4. Tappunta lin-Nutar Dr Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv tad-divizjoni u lill-avukat Dr Simone Grech sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci. Il-kuntratt ghandu jigi ppubblikat nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar, 2013 f'12.00p.m. fil-bini tal-Qorti.

Tordna li l-ispejjez tal-kawza, u kif ukoll dawk marbutin mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni, jinqasmu bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom fil-wirt ossija terz kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[22] Ir-raba' diga' qeghda fil-pussess tal-kontendenti fil-fatt.